

In-notifika ta' atti

Jekk inti involut fi proċediment ġuridiku u għandek bżonn tibgħat u/jew tirċievi dokumenti ġuridiċi jew extraġudizzjarji, hawnhekk tista' ssib l-informazzjoni nazzjonali dwar kif għandek tiproċedi.



📄 [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill \(KE\) 1393/2007](#) tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali jirregola n-notifika tad-dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri. Jipprovdi proċedura għan-notifika ta' dokumenti permezz ta' "aġenziji mittenti" u "aġenziji riċeventi" maħtura, bejn il-pajjiżi tal-UE, inkluża d-Danimarka.

Ir-Regolament jirreferi, pereżempju, għad-dokumenti ġudizzjarji bħaċ-ċitazzjonijiet li jinnotifikaw il-bidu tal-proċedimenti, l-appelli, in-noti ta' eċċezzjonijiet, l-inġunzjonijiet jew għad-dokumenti extraġudizzjarji bħall-atti notarili li jkunu jridu jiġu nnotifikati f'pajjiż tal-UE li ma jkunx dak li fih inti tirrisjedi.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 13/05/2019